A.L. 62 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 11)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 11).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-11 ta' Ġunju, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Tal-Qattus, limiti Birkirkara, tal-kejl ta' madwar 554 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal, Lbiċ u Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar fuq L.D. 31/92.

(2) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' l-Imġarr, limiti Mġarr:

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,237 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata A fuq L.D. 96A/90;

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,019 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Lvant u Punent ma' proprjetà tal-Gvern, delineata bl-aħmar u markata B fuq L.D. 96A/90.

(3) Dar bin-numru 84, Triq Ġużè Ellul Mercer, Dingli (Tenement No. 69612).

(4) Kamra bin-numru 17, Granaries Square, Floriana (Tenement No. 60834).

(5) Flat numru 7, Blokk 2A, Bieb 1, Bini tal-Gvern, Triq il-Gżira, Gżira (qabel Rural Tenement No. 50064).

(6) Flat numru 1, Blokk K, Triq Giovanni Barbara, Bini tal-Gvern, Ħamrun (Tenement No. 69682).

(7) Flat numru 5, Blokk D, Triq l-Iskola, Marsa (Tenement No. 71054).

(8) Dar bin-numru 58, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 70750).

(9) Dar bin-numru 99, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 71543).

(10) Dar bin-numru 24, Triq Pawlu Cassar, Għaxaq (Tenement No. 67993).

(11) Flat numru 2, Unit Nru. 3, Blokk H, Bini tal-Gvern, Paola (Tenement No. 62268).

(12) Flat numru 7, Blokk 18, Bieb B, Triq il-Ġilju, San Ġwann (Tenement No. 73417).

(13) Dar bin-numru 1, Triq il-Palma, San Ġwann (Tenement No. 64857).

(14) Dar bin-numru 140, Triq l-Anzalor, Santa Luċija (Tenement No. 71343).

(15) Dar bin-numru 134, Triq Karmnu Zammit, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Żurrieq (qabel kienet tagħmel parti minn Rural Tenement No. 51677).